**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 10/15. | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 01/10/15 fis-6.55pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti fi 7.00pm |
| | | Joan Agius | Preżenti fi 7.10pm |
| | | Claude Camilleri | Preżenti fi 6.55pm |
| | | Raymond Caruana | Preżenti fi 7.25pm |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Skużata |
| | | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Joanne Muscat | |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **10.** | **1.** | | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| 10. | 1. | 1 | | Proponent: Joe Hales<br>Sekondant: Sean Chircop | Il-Minuti 09/15 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korezzjonijiet kif ġej | |
| | | | 09.2.6 | Tiġi korretta is-sentenza u taqra *ma ta' l-armar tal-festa dwar Żejt iż-* | | |
| | | | 09.2.13 | Flok il-kliem lil Kunsill jitnizel lil Kunsillier | | |
| | | | 09.10.24 | Tiġi korretta is-sentenza u taqra *għamlu attivita fi Zejtun Home fejn ferħu lill-anzjani* | | |
| 10. | 1. | 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| **10.** | **2.** | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| 10 | 2 | 1 | 09.2.7 | Chircop - Memo 11/2015<br>Niċċa ta' San Ġużepp | Chircop informa lil Kunsill li l-Ministeru ta' Owen Bonnici tagħna risposta li l-proposta hija tajba u għand tikkwalifika. Is-Sindku propona li nitolbu biex jibaghtulna bil-miktub u nitolbu stima. | Chircop |
| 10 | 2 | 2 | 09.2.8 | Chircop:- Triq l-Iskola | Chircop saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-problema tal-iskart fi Triq l-Iskola. Hales informa lil Kunsill li minn qed jitfa l-iskart hemm hekk mhux mill-inħawi. Il-Kunsill qabel nem.com li titwaħħal tabella. | Hales |
| 10 | 2 | 3 | 09.10.18 | Chircop:- Ħammiem fl-Arti u l-Artiġjanat | Chircop informa lil Kunsill li hemm problema bil-ħammiem li qed jidħol fi toqob li hemm fuq il-bejt tal-Arti u l-Artiġjanat. Il-Kunsill qabel li jmorru l-ħaddiema fuq il-post. Il-Kunsilliera Agius talbet ukoll li inqabbdu lil tal-Comtec minħabba l-problema tal-wirdien. Il-Kunsill qabel nem.con | Hales |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 2 | 4 | | 09.10.10 | Chircop:- Triq l-Isqof Antonio Zahra | Chircop saqsa x'sar dwar dan il-każ. Il-Kunsill qabel li ser nitolbu lil pulizija biex ikunu preżenti ħdejn l-iskola u li Sindku u Hales ser imorru fuq il-posta biex jaraw is-sitwazzjoni. | Sindku / Hales |
| 10 | 2 | 5 | | 09.10.6 | Hales:- Hawkers | Il-Kunsill qabel nem.con li l-Kunsillier Hales jipprepara draft tal-Bye Law u jippreżenta lil Kunsill. | Hales |
| 10 | 2 | 6 | | 09.10.19 | Camilleri:- Bozza ġdida fi Triq Wied il-Għajn | Camilleri saqsa f'hiex waslet l-applikazzjoni għal bozza ġdid fi Triq il-Wied il-Għajn. Is-Sindku talab li Segretarju jiċċekja fuq din it-talba. Camilleri ippropona ukoll li isir bozza ġdida fi Triq Xrobb l-Għaġin fil-bidu net qabel taqbad għal Triq Kotob għax hemm waħda nieqsa. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju |
| 10 | 2 | 7 | | 09.5.3 | Abela:- Tender Accountancy Services | Abela talbet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward din it-tender. Is-Segretarju informa lil Kunsill li kelmu bi telefon u li l-ġimgħa dieħla ser jiġi l-Kunsill u ser jagħdilina bil-miktub. | Segretarju |
| 10 | 2 | 8 | | 09.2.17 | Agius:- Attivita fi Child Day Care Centre | Agius infurmat lil Kunsill li l-attivita li saret għat-tfal li spiċċaw miċ-Child Care għax ser imorru l-Kinder kienet suċċess. | Agius |
| 10 | 2 | 9 | | 09.3.6 | Agius:- Memo 24/2015 | Agius infurmat lil Kunsill li fi 30 ta' Settembru s-Segretarju ha diploma fi kors imniedi mill-Local Gov Dipt. Il-Kunsill kollu feraħ lis-Segretarju. | |
| 10 | 2 | 10 | | 09.3.12 | Agius:- Laqgħa Plenarja | Agius infurmat lil Kunsill li ser tattendi għal din il-laqgħa. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Abela ser jattendu ukoll. | Segretarju |
| 10 | 2 | 11 | | 09.9.1 | Agius:- Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ | Agius saqsiet kif baqa il-Kunsill fuq il-ħatra tal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ. Chircop informa lil Kunsill li ma ġietx għal-laqgħa tal-lum għax ma tiflaħx u li ser iġib l-approval għal firma tas-Sindku. | Chircop |
| 10 | 2 | 12 | | 09.10.21 | Agius:- One Way fi Triq l-Għadam | Agius saqsiet jekk kienx hemm xi rispost fuq dan il-każ. Is-Segretarju informa lil Kunsill li ktiebna lil TM iżda ma rcievejnix risposta. | Segretarju |
| 10 | 2 | 13 | | 09.10.23 | Agius:- Magħsar ta' wara l-Knisja | Agius fakret lil Kunsill fuq it-tiswija li hemm bżonn li isir fuq il-Magħsar ta' wara l-Knisja. Is-Sindku qal li ser jara xi ħsarat hemm. | Sindku |
| 10 | 2 | 14 | | 09.10.22 | Agius:- Triq Sir Paul Boffa | Agius irringrazzjat lil Kunsill għax ix-xogħol fuq id-dawl fi Triq Sir Paul Boffa sar. | Segretarju |
| 10 | 2 | 15 | | 09.10.30 | Agius:- Amministrattur ta' Blk D Qasam Ta' Ganza | Agius infurmat lil Kunsill li l-Amministrattur l-ġdid ta' Blk D Qasam Ta' Ganza ser ikun minn ġol-binja stess. Hija qalet li ser jerġaw joħorġu l-applikazzjonijiet. | Agius |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 2 | 16 | | 09.10.26 | Viċi Sindku:- Ħarġa għal Jum Dinji tal-Anzjani | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-ħarġa saret u li kienet suċċess. Waqt din l-attivita ġew mogħtija €240 għal Community Chest Fund. | Viċi Sindku |
| 10 | 2 | 17 | | 09.10.27 | Viċi Sindku:- Bring in Site | Il-Viċi Sindku saqsiet f'hiex waslet din it-talba. Il-Kunsill wara diskussjoni dwar is-suġġet sar qbil li isir skip fi Zejtun Home speċifikament għal ġbir reċiklat u li tinħareġ nhar ta' Tlieta. | Hales |
| 10 | 2 | 18 | | 09.10.28 | Viċi Sindku:- Talba għal dust bin fi Ġnien Brejgu | Il-Kunsill qabel nem.con li dan isir. | Hales |
| **10** | **3** | | | | **Korrispondenza** | | |
| Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/15. B'riferenza għal: | | | | | | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 3 | 1 | | 02 | MEPA - PA03335/15 | Il-Kunsill qabel nem.con li jikteb lil MEPA rigward din l-applikazzjoni peress li l-izvilupp jinsab fil-village core. | Segretarju |
| 10 | 3 | 2 | | 16 | David Grech - Primary Health Care | Il-Kunsill ġie infurmat li bdew jinktibu n-nies għat-tilqima kontra l-inflwenza u li din ser tingħata fi 9 u fl-10 ta' Nov wara t-3.00pm u ser tingħata lil dawk kollha li huma l-fuq minn 55 sena. Ir-residenti ta' Dar Nazareth ser tingħatalhom minn nurse fi djar tagħhom stess. | Agius |
| 10 | 3 | 3 | | 17 | Josephine Cini - Talba għal re-imborż | Il-Kunsill ġie infurmat bil-ħsara li ġarbet is-Sinj. Josephine Cini fil-karozza tagħha fi Triq Bormla. Filwaqt li l-Kunsill qabel li tissewwa' l-ħsara li hemm fi Triq Bormla, il-Kunsill qabel ukoll li jingħata r-re- imborż tal-ħsara. | Segretarju |
| 10 | 3 | 4 | | 19 | NCS Computers | Il-Kunsill ġie infurmat li NCS Computers talab għal un/loading fi Triq A Cachia Zammit quddiem il-ħanut tiegħu. Il-Kunsill qabel li din it-talba nagħduha lil TM. | Segretarju |
| 10 | 3 | 5 | | 20 | Chantelle Casha - Police | Is-Sindku wara li qara l-ittra li rċievejna mingħand Insp Chantelle Casha, l-Kunsill qabel li niktbu lil pulizija li huma għandhom jinfurzaw il-liġi fuq dan il-każ. | Segretarju |
| 10 | 3 | 6 | | 21 | Jorge Spiteri | Is-Sindku qara l-proposta ta' Sur Jorge Spiteri li juża s-saqaf tal-Barumbara għat-trobbija tan-naħal, l-għan huwa biex nippriservaw in-naħla Maltija. Il-Kunsill qabel nem.con. Iż-żewġ kmamar t'isfel jintużaw għal wiri ta' prodotti agrikoli mill-inħawi. | Sindku |
| 10 | 3 | 7 | | 22 | Maintenance Monitoring Unit | Is-Sindku iċċikola r-rapport dwar Triq Pres A Buttigieg, fejn hu qal li il-bankina ta' fejn il-Lasco ser isir min-naħa tal-unit stess. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 8 | | 23 | Local Gov Assoc | Is-Sindku informa lil Kunsill li nhar it-Tlieta 6 t'Ottubru ser ikun hemm konferenza fuq zero emmisions | Sindku |
| **10.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 4 | 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/15 | **Il-Kunsill qabel li ma jsirx il-ħlas ta' Invoice No: 12255 u Invoice No: 16951, kif ukoll jinqataw minn fuq it-tabella tal-ħlasijiet. Mal-lista tal-ħlasijiet ikun hemm adenda ta' żewġ kontijiet oħra li huma Invoice No: 50112 u Invoice No: S0113. Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 10/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 10 | 4 | 2 | | | Petty Cash | **Il-Kunsill approva nem.con il-Petty Cash li ntefaq fix-xahar ta' Settemru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €130.86.** | Segretarju |
| 10 | 4 | 3 | | | Talbiet għal Xiri Seduta 10/15 | **Il-Kunsill approva nem.con il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 10 | 5 | | | | **Triq Alfred Cachia Zammit** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 5 | 1 | | | Triq Alfred Cachia Zammit | Is-Sindku informa lil Kunsill li l-preparazzjoni ta' xogħol meħtieġ fuq id-drenaġġ u water services mixi, qed nistennew li toħroġ it-tender. Is-Sindku iċċirkola site plan ta' biċċa art bejn il-gym u l-5 a side pitch fejn hemm biċċa mitluqa parti tal-Gvern u parti privata. Il-Kunsill qed jipproponi li jsir saqaf biex jintuża bħala parking u tkun tal-Kunsill. Is-Saqaf ser isir mill-proprejtarju tal-gym. Il-Kunsill qabel nem.con li isir l-applikazzjoni mal-MEPA | Segretarju |
| 10 | 6 | | | | **Sqaq No:3 fi Triq Haż-Żabbar - Dan ser jiġi resurfaced** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 6 | 1 | | | Sqaq No:3 fi Triq Haż-Żabbar | Is-Sindku informa lil Kunsill li hemm tlett persuni li għandhom propjeta f'dan l-isqaq li qed jitolbu biex isir id-drenaġġ. Hemm xi problemi iżda dawn iridu jiġu ttrattai mill-WSC. | Sindku |
| 10 | 9 | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 9 | 1 | | | Sindku:- Child Day Care Centre | Is-Sindku ppropona li jsir maintance agreement bejn il-Kunsill u l-Fondazzjoni, biex il-Kunsill jipprovdi s-servizzi li jkun hemm meħtieġa. Il-Kunsill qabel nem.con. Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li s-siegħat mix-xahar id-dieħel ser jiżdiedu u ukoll ser tiġi mpjegata part timer oħra. | Agius |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 9 | 2 | | | Sindku:- Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku r-ringrazzja lil kull min għen, speċjalment lil organizzattriċi Joan Agius minkejja x-xogħol privat tagħha, lil istaff, kif ukoll lil Kunsilliera Hales, Chircop, Camilleri u Caruana. | Sindku |
| 10 | 9 | 3 | | | Agius:- Żejt iż-Żejtun | Il-Kunsilliera Agius sehmiet li din kienet id-9 sena ta' Żejt iż-Żejtun u li bħala attivita dejjem baqgħet tikber. Hi irringrazzjat lis-Sindku, lil kull min ħa sehem waqt l-attivita, lil pulizija u li security, lil Arċipreit, li Segretarju u l-istaff speċjalment lil Angelo Caruana. | Agius |
| 10 | 9 | 4 | | | Chircop:- Żewġ wirjiet waqt Żejt iż-Żejtun | Il-Kunsill Chircop informa lil Kunsill li dawn iż-żewġ wirjiet kienu suċċess, iżda l-iktar li marret tajjeb man-nies kienet dik tan-niċċeċ. Chircop qal li kellu talba biex dawn jinġabru fi ktieb u anke tingħata għajnuna finanzjarja għalhekk. Is-Sindku ippropona li s-Saliba tal-Pjazza għandu jidħol magħhom. Chircop qal ukoll li l-ġurnalista Ruth Amaira ġiet iddur iż-Żejtun u għamlitu intervista waqt li hu dawara mar-raħal. Il-Kunsilliera Agius ipproponiet li din l-intervista titella' fuq il-website. Chircop ippropona li għal darb'oħra jiżdiedu il-bins żgħar. Il-Kunsill qabel nem.com | Hales |
| 10 | 9 | 5 | | | Abela:- Rampa ta' disabled | Il-Kunsilliera Abela talbet biex isir rampa għad-disabled ħdejn Santu Rokku. Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-Arċipriet għax dik trid isir min-naħa tal-Knisja. | Sindku |
| 10 | 9 | 6 | | | Abela:- Belishia Lights fi Vjal 25 ta' Nov | Il-Kunsilliera Abela qalet kif il-Belishia Lights fi Vjal 25 ta' Nov mhux qed jixgħelu. Il-Kusill qabel li niktbu lil Enemalta biex isir il-connection | Segretarju |
| 10 | 9 | 7 | | | Abela:- Triq il-Bettiegħ | Il-Kunsilliera Abela infurmat lil Kunsill li fi Triq il-Bettiegħ hemm il-problema bil-qtates għax hemm minn qed jagħtihom l-ikel u bil-konsegweza ikun hemm il-ħmieġ. | Hales |
| 10 | 9 | 8 | | | Hales:- Triq San Piju X / Triq Delimara Luqa Briffa | Il-kunsillier Hales ippropona li ~~minn~~ Triq S~~an Piju X u Triq Delim~~ara tingħalaq għal nofs siegħa waqt il-ħin ta' dħul u l-ħruġ ta' tfal mill-iskola sekondarja. Is-sindku propona li Hales jagħmel kuntatt mal-Head tal-iskola. Il-Kunsill qabel nem.con | Hales |
| 10 | 9 | 9 | | | Chircop:- Iż-Żgħażagħ ta' Zoe | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li f'Settembru iż-Żgħażagħ ta' Zoe attendew laqgħa dwar il-labelling u kien preżenti l-Onor Chris Agius. L-istess grupp ser jattendi ukoll għall-attivita ta' CHOGEM. | Chircop |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Chircop:- Triq id-Duluri | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill fuq problema tal-parking fi Triq id-Duluri ħdejn il-posta speċjalment meta ikun hemm it-tisrif ta' ċekkijiet. Chircop talab jekk jistax isir xi ħaġa. Għandna nkellmu lill-pulizija. | Sindku |
| 10 | 9 | 10 | | | Caruana:- Bankina fi Triq l-Isqof Emm Galea | Il-Kunsillier Caruana informa lil Kunsill li fi Triq l-Isqof Emm Galea hemm bankina miksura u li hemm bżonn li din titranġa. | Sindku |
| 10 | 9 | 11 | | | Caruana:- Bins fil-Pjazza | Il-Kunsillier Caruana talab li jsiru bins fil-pjazza. Is-Sindku qal li ser naraw x'ser nixtru. | Sindku |
| 10 | 9 | 12 | | | Camilleri:- Ringrazzjamneti | Il-Kunsillier Camilleri talab lil Kunsill biex nibagħtu r-ringrazzjamenti tal-Kunsill li Sur Craus tal-iskola Primarja A, kif ukoll li Sur Pace ta' Dar tal-Anzjani li ser jispiċċaw miż-Żejtun. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju |
| 10 | 9 | 13 | | | Agius:- Kids Club | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li l-Kids Club ser jerġa jibda jiltaqa' kull nhar ta' Sibt u ser nibdew b'ħarġa. | Agius |
| 10 | 9 | 14 | | | Agius:-- Laqgħa tal-Kunsill | Il-Kunsilliera Agius talbet li l-laqgħa tal-Kunsill tibda isir kull l-ewwel Erbgħa ta' kull xahar. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju |
| 10 | 9 | 15 | | | Agius:- Zumba session għal karita | Il-Kunsilliera Agius ipproponiet li isir Zumba Session bħala Health session għal Bjorn Formosa li qed jibgħati minn marda fil-muskoli. Il-Kunsill qabel nem.com | Agius |
| 10 | 9 | 16 | | | Agius: Żjara minn Għawdxin | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li fl-20 ta' Otturbu ser jiġu grupp Għawdxin mill-Qala izuru iż-Żejtun. | Agius |
| 10 | 9 | 17 | | | Agius:- Bus Shelter fi Triq Pres A Buttigieg | Il-Kunsilliera Agius talbet biex isir Bus Shelter fi Triq Pres A Buttigieg. Il-Kunsill qabel nem.con li nitkbu lil Malta Public Transport. | Hales |
| Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Novembru, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm. | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| Joe Attard | | | | | | Anton Falzon | |
| Sindku | | | | | | Segretarju Eżekuttiv | |
| | | | | | | | |